**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Financial Junction Limited (C 63408)**

**Vs**

**Philipp Metzdorf (Nru tal-Passaport CH9G80MLC)**

**Rik Nru: 182/2020**

**Illum 9 ta' Marzu 2022**

**Il-Bord,**

Ra r-rikors tas-soċjeta' rikorrenti li jaqra:

Illi l-esponenti daħlet fi ftehim ta' kirja mal-intimat fl-14 ta' Ġunju 2019, kollox kif hemm stipulat fl-annessa skrittura 'Dok A' u dan fir-rigward tal-fond 'Apartment 7, number 9, Hookham Frere Street, Gwardamangia'.

Illi waqt id-dekors tal-kirja, l-intimat naqas milli jħallas il-kera għall-fond inkwistjoni.

Illi konsegwentement fil-15 ta' Ġunju 2020, l-esponenti daħlet fi ftehim għal-kostituzzjoni ta' debitu mal-intimat għall-ammont ta' ħamest elef u mitt ewro (EUR5,100), kopja ta' dan il-ftehim hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B', fejn hemm stipulati l-pagamenti miftehma bejn il-partijiet.

Illi minkejja l-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu, l-intimat baqa' ma jħallasx id-dejn u għalhekk tilef il-benefiċċju tat-terminu hemm lilu konċess.

Illi minkejja interpellat sabiex iħallas, l-intimat baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil dan it-tribunal:

1. Tiddikjara illi l-intimat tilef il-benefiċċju tat-terminu lilu konċess.
2. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti is-somma ta' ħamest elef u mitt ewro (Eur5,100) kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat tas-sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-intimat li jibqa' nġunt għas-subizzjoni.

Ra li l-intimat ġie debitament notifikat u ma ppreżenta ebda tweġiba.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra**

Mill-atti jirriżulta li fl-14 ta' Ġunju 2019 is-soċjeta' rikorrenti ffirmat kuntratt ta' lokazzjoni mal-intimat rigward l-appartament 7, numru 9, Triq Hookham Frere, Gwardamangia għal żmien sena.

Hubert Sherratt, direttur tas-soċjeta' rikorrenti, jixhed fl-affidavit li l-intimat kien moruż fil-ħlas tal-kera għal diversi xhur f'total ta' €5,100. Għalhekk huwa ħaseb biex jissalvagwardja l-jeddijiet tiegħu. Infatti ġie rikonoxxut mill-intimat li huwa kien moruż fil-ħlas tal-kera fl-ammont reklamat u ġiet iffirmata skrittura bejn il-partijiet odjerni nhar il-15 ta' Ġunju 2020 fejn l-intimata ingħata sitt xhur biex iħallas l-ammont imsemmi. Madankollu l-intimat baqa' ma ħallas ebda ammont lis-soċjeta' rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan, il-Bord iqis li t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma mistħoqqa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti.

Bl-ispejjeż kif mitluba a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli**
**Maġistrat**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Reġistratur**